MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PHILIP MANDUCA**

Seduta tal-21 ta' Frar, 2005

Talba Numru. 2087/2003

**GasanMamo Insurance Limited (C 3143) hekk kif issurrogata fid-drittijiet tal-assikurata taghha Anna Maria Galea (ID: 223362 M) sija bil-polza u sija bil-ligi; u l-istess Anna Maria Galea u b'digriet tat-Tribunal tal-24 ta' Gunju, 2004 l-isem ta' l-attrici inbidel bl-isem Anna Maria Zammit**

**Vs**

**Joseph (ID: 182355 M) u Christine Amanda (ID: 1892 A) konjugi Abela**

## It-Tribunal

Ra l-Avviz li fih l-atturi talbu l-hlas ta' Lm488.24c (erba' mija u tmienja u tmenin lira Maltin u erbgha u ghoxrin centezmu) rapprezentanti danni kkagunati f'incident fejn ghatu ta' tank ta' l-ilma fuq il-proprjeta' tal-konvenuti tar ghal fuq il-vettura VIV 818 proprjeta' ta' l-assigurata tas-socjeta' attrici Anna Maria Zammit.

Ra r-Risposta fejn il-konvenuti qalu fl-ewwel lok li m'humiex responsabbli ta' dan l-incident. Fit-tieni lok il-konvenuti qalu li l-ammont mitlub f'din il-kawza huwa esagerat u d-danni allegatament sofferti mill-atturi ghandhom jigu ppruvati minnhom. Fit-tielet lok il-konvenuti jghidu illi kienu disposti li jhallsu d-danni ferm qabel li l-attrici talbet il-hlas taht il-polza ta' assigurazzjoni relattiva u ghaldaqstant il-konvenuti m'ghandhomx ibatu l-ispejjez ta' din l-istanza u l-*excess* reklamati mill-atturi.

Ra d-dokumenti esebiti.

Ra x-xhieda ta' Anna Maria Zammit fejn qalet li dakinhar ta' l-incident kienet gurnata ta' rih qawwi. Tghid li meta harget ghall-karozza semghet hoss qawwi u rat bicciet tal-materjal ta' *water tank* fuq il-karozza u fl-art. Zammit tghid li marret ticcekkja l-*water tank* fuq il-bejt taghha izda ma kienx hu, mbaghad indunat li l-ghatu tal-*water tank* tal-konvenuti ma kienx hemm.

Tghid illi meta gie l-konvenut fuq il-post ma cahadx li l-incident kien ir-rizultat tat-tank tieghu. Bhala hsara fil-karozza kellha l-iktar is-saqaf.

Ra x-xhieda ta' Joseph Abela fejn jghid li Zammit kienet qaltlu li waqa' xi frak mill-ghatu fuq il-karozza taghha. Jghid illi l-ghatu huwa pjuttost tqil ghaliex huwa maghmul tal-*fibre cement*. Jghid ukoll li dakinhar kienet gurnata ta' xita mhux rih. Jikkonferma li l-ghatu kien ilu mwahhal xi sentejn fuq il-bejt.

Abela jghid illi dakinhar ta' l-incident qallha biex jiltaqghu halli jiehu l-karozza taghha ghand tellar. Jghid illi ma kienx hemm iktar minn Lm100 (mitt lira Maltin) spejjez. Zammit qatt ma kellmitu iktar.

Jikkonferma li l-kagun tal-hsara kien l-ghatu tat-tank tieghu. Jghid li l-ghatu seta' tar izda kien hemm xi erbghin pied minfejn kien l-ghatu li nkiser sal-karozza ta' Zammit. Jghid ukoll illi d-danni mitluba huma esagerati.

**Ikkunsidra**

Li b'dikjarazzjoni datata 24 ta' Gunju, 2004 il-konvenut iddikjara li mhux qieghed jikkontesta l-ammont. Ghalhekk it-Tribunal mhux se jiehu konjizzjoni ulterjuri tat-tieni eccezzjoni.

Illi fl-ewwel eccezzjoni l-konvenuti qalu li m'humiex responsabbli ghall-incident stante li l-*"kawza ta' l-incident ma kienetx taht il-kontroll taghhom"*.

L-Artikolu 1031 tal-Kodici Civili jipprovdi:

"Kull wiehed iwiegeb ghall-hsara li tigri bi htija tieghu."

Filwaqt li 1032 jistipula:

"Jitqies fi htija kulmin fl-ghemil tieghu ma juzax il-prudenza u d-diligenza u l-hsieb ta' missier tajjeb tal-familja."
L-attrici ghandha tipprova ghalhekk li l-konvenuti ma wzawx il-prudenza u d-diligenza ta' missier tajjeb tal-familja u tali agir kien il-kagun tad-danni. Is-socjeta' attrici kellha tipprova *"n-nexus bejn l-agir tal-konvenut u d-dannu minnha soffert"*.

Mhux ikkontestat li kien ghatu ta' tank ta' l-ilma li waqa' fuq il-vettura assigurata u lanqas m'hu kkontestat li l-ghatu huwa proprjeta' tal-konvenuti.

Il-konvenuti jghidu li kellhom hafna tankijiet ta' l-ilma u ma kienx it-tort taghhom li minhabba rih qawwi l-ghatu waqa' fuq il-vettura ta' l-assigurata.

Fil-kawza **Muscat Vs Agius (14/1/1939 Appell)** gie ddikjarat li:

"Biex iwaqqa' l-presunzjoni tal-htija l-konvenut ghandu jipprova l-konkors ta' zewg cirkostanzi:

i. L-accident jew il-fortuwitu bhala kawza ta' hsara.

ii. In-nuqqas ta’ htija da parti tieghu bhala kawza medjata u mmedjata tal-hsara.”

Il-kaz fortuwitu *“huwa dak l-avveniment li ma setax ikun prevedut minn persuna ta’ ordinarja diligenza…illi biex ikun hemm il-kaz fortuwitu, mhux bizzejjed avveniment insolitu imma jehtieg li jkun inevitabbli b’mod li ma jistax jigi evitat b’diligenza ordinarja…l-prova tal-fortuwitu tinkombi fuq il-konvenut li jissollevaha.”* (Ara **Vella Vs Cilia (Appell 23/6/2004**).

Illi l-konvenuti setghu jipprevedu li seta’ jkun hemm rih qawwi u ghalhekk kellhom jassiguraw li l-ghatu jkun marbut tajjeb fuq it-tank. Illi l-konvenut qal li t-tankijiet kienu ilhom imwahhlin ghal xi sentejn u li hu kien jitla’ jiccekkjhom xi darba kull xahrejn.

Fil-kawza **Zammit Vs Agius (PA 15/12/2003)** gie ddikjarat:

“Il-kuncett tal-kaz fortuwitu jew forza magguri ma jsehhx meta ghall-hsara jkun ikkontribwixxa l-fatt pozittiv jew negattiv tal-bniedem. Skond il-principji tad-dritt, biex ikun hemm il-kaz fortuwitu mhux bizzejjed li jkun hemm avveniment insolitu, sproporzjonat u li jkun prodott mill-forza tan-natura, imma jehtieg li jkun inevitabbli b’mod li ma jistax jigi evitat bid-diligenza ordinarja tal-bonus pater familias.”

Illi wiehed ma jistax jistenna li xi hadd jitla’ kuljum fuq il-bejt biex jara jekk l-ghatu tat-tank ta’ l-ilma huwa marbut sew. Illi min-naha l-ohra l-fatt li ghatu wiehed tar u l-ohrajn baqghu hemm huwa sinjal li dan l-ghatu partikolari ma kienx marbut sew u/jew li l-materjal uzat biex l-ghatu jibqa’ hemm kien difettuz jew kien hemm nuqqas ta’ manteniment tieghu. Illi l-fatt li l-konvenut mill-ewwel deher li hu lest li jhallas ghal certu ammont kien sinjal li jaf li kellu tort. Fil-fehma ta’ dan it-Tribunal il-konvenuti ma gabux bizzejjed provi biex juru li dak li gara sar b’rizultat ta’ kawza fortuwita u li huma ma kellhom ebda tort. Illi l-konvenuti ma pprezentaw ebda rapport tat-temp ta’ dakinhar.

Ghaldaqstant jichad ir-Risposta tal-konvenuti u jikkundannhom ihallsu l-ammont ta' Lm488.24c (erba' mija u tmienja u tmenin lira Maltin u erbgha u ghoxrin centezmu) kif mitlub. Bl-ispejjez u bl-imghax mid-data tan-notifika ta' l-Ittra Ufficjali kontra l-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------